Nru./No. 18,836
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2011
Tuesday, 29th November, 2011

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,313 - 13,324
Government Notices ..... *13,313 - 13,324*

Avviż tal-Pulizija 13,325
Police Notice *13,325*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,325 - 13,328
Notices to Mariners ..... *13,325 - 13,328*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,328 - 13,360
Employment Opportunities ..... *13,328 - 13,360*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,361 - 13,366
Notices ..... *13,361 - 13,366*

Offerti ..... 13,366 - 13,401
Tenders ..... *13,366 - 13,401*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,401 - 13,404
Court Notices ..... *13,401 - 13,404*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1092

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XIX tal-2011 imsejjaħ l-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

Id-29 ta' Novembru, 2011

Nru. 1093

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 97 imsejjaħ Att tal-2011 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw Materji Kriminali.

Id-29 ta' Novembru, 2011

Nru. 1094

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,835 tal-25 ta' Novembru 2011.

A.L. Nru. 458 tal-2011: *Financial Institutions Act (Cap. 376); European Passport Rights for Financial Institutions Regulations, 2011*.

A.L. Nru. 459 tal-2011: *Banking Act (Cap. 371); European Passport Rights for Credit Institutions Regulations, 2011*.

A.L. Nru. 460 tal-2011: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art.

A.L. Nru. 461 tal-2011: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tħaffir ta' *Boreholes* u x-Xogħol ta' Tħaffir f'Żona ta' Saturazzjoni.

A.L. Nru. 462 tal-2011: *Product Safety Act (Cap. 427); Construction Products (Implementation) Regulations, 2011*.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1092

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIX of 2011 entitled the Malta Membership of the International Monetary Fund (Amendment) Act, 2011.

29th November, 2011

No. 1093

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 97 entitled the Various Laws (Criminal Matters) (Amendment) Act, 2011.

29th November, 2011

No. 1094

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,835 of the 25th November 2011.

L.N. No. 458 of 2011: Financial Institutions Act (Cap. 376); European Passport Rights for Financial Institutions Regulations, 2011.

L.N. No. 459 of 2011: Banking Act (Cap. 371); European Passport Rights for Credit Institutions Regulations, 2011.

L.N. No. 460 of 2011: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Notification of Groundwater Sources (Amendment) Regulations, 2011.

L.N. No. 461 of 2011: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Borehole Drilling and Excavation Works within the Saturated Zone (Amendment) Regulations, 2011.

L.N. No. 462 of 2011: Product Safety Act (Cap. 427); Construction Products (Implementation) Regulations, 2011.

A.L. Nru. 463 tal-2011: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti tal-2011 dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi).

A.L. Nru. 464 tal-2011: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti tal-2011 dwar l-Inqas Kumpens għal Bini Rekwiżizzjonat.

Id-29 ta' Novembru, 2011

L.N. No. 463 of 2011: Civil Code (Cap. 16); Continuation of Tenancies (Means Testing Criteria) Regulations, 2011.

L.N. No. 464 of 2011: Civil Code (Cap. 16); Minimum Compensation for Requisitioned Buildings Regulations, 2011.

29th November, 2011

Nru. 1095

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A. (Educ), M.P., Ministru għal Għawdex tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ mill-Ħadd, is-27 ta' Novembru, 2011, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-27 ta' Novembru, 2011
(OPM 13/2011/II)

No. 1095

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A. (Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of Prime Minister with effect from Sunday, 27th November, 2011, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

27th November, 2011

Nru. 1096

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, it-28 ta' Novembru, 2011 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1095 tas-27 ta' Novembru, 2011, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-28 ta' Novembru, 2011
(OPM 13/2011/II)

No. 1096

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister on Monday, 28th November, 2011 and that the arrangements made by Government Notice No. 1095 of the 27th November, 2011, ceased to have effect accordingly.

28th November, 2011

Nru. 1097

KUMITAT TAL-ESPLOŻIVI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Kumitat tal-Esplożivi, maħtur skont l-Artikolu 23 (1) tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33) ikun kostitwit kif ġej matul is-sena 2012.

Chairperson

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta jew ir-rappreżentant tiegħu.

Membri

Il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu.
Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili jew ir-rappreżentant tiegħu.

Id-29 ta' Novembru, 2011

No. 1097

EXPLOSIVES COMMITTEE

IT is notified for general information that the President of Malta has been pleased to approve that the Explosives Committee, appointed in terms of Article 23 (1) of the Explosives Ordinance (Cap. 33) be constituted as follows during 2012.

Chairperson

The Commander, Armed Forces of Malta or his representative.

Members

The Commissioner of Police or his representative.
The Director Civil Protection or his representative.

29th November, 2011

Nru. 1098

TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

NGĦARRFU illi skont l-Artikoli 4 (2) u 4 (5) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380) il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva, b'seħħ mill-14 ta' Novembru 2011 il-ħatra, bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ta':

L-Avukat Dott. Kevin Mompalao, LL.D.

Din il-ħatra hija għal perjodu ta' ħames snin.

Il-25 ta' Novembru, 2011
(OPM/233/95)
(MJ/1/1993/II/49)

No. 1098

SMALL CLAIMS TRIBUNAL

IT is notified that, in accordance with Articles 4 (2) and 4 (5) of the Small Claims Tribunal Act (Cap. 380) the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, approved with effect from 14th November 2011 the appointment as Adjudicator in the Small Claims Tribunal of:

Advocate Dr Kevin Mompalao, LL.D.

This appointment is for a period of five years.

25th November, 2011

Nru. 1099

BORD TA' VIŻITATURI GĦAL PERSUNI DETENUTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-Avviż Legali 266 tal-2007 ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Settembru 2007, il-Bord ta' Viżitaturi għal Persuni Detenuti ġie kostitwit kif ġej għal sena oħra, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2012.

Chairperson
Is-Sinjorina Marianne Agius

Membri
Is-Sur Charles Micallef
Is-Sur David Azzopardi
Is-Sur Joe Borg
Is-Sinjura Susan Sacco Mulvaney

Segretarju
Is-Sur George Vella

Id-29 ta' Novembru, 2011

No. 1099

BOARD OF VISITORS FOR DETAINED PERSONS

IT is hereby notified for general information that, according to Legal Notice 266 of 2007 published in the Government Gazette dated 18th September 2007, the Board of Visitors for Detained Persons has been constituted as follows for another year with effect from 1st January, 2012.

Chairperson
Ms. Maryanne Agius

Members
Mr Charles Micallef
Mr David Azzopardi
Mr Joseph C Borg
Ms Susan Sacco Mulvaney

Secretary
Mr George Vella

29th November, 2011

Nru. 1100

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1100

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	04–07.12.2011

Id-29 ta' Novembru, 2011

29th November, 2011

Nru. 1101

PROSPETT

VALUR NOMINALI TA' EURO 200,000,000 TAL-4.30% *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2016 (IV) BI BDIL FUQ BAŻI TA' PREZZ TAX-XIRI B'IRKANT MILL-5.70% *STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2012 (III)

Awtorizzat skont l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

1. BDIL TA' *STOCK*

a) L-*Accountant General* jilqa' offerti b'irkant minn detenturi ta' *Stock* fil- 5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock*') sabiex jibdlu s-sehem tagħhom fi *Stock* tal-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') sa valur nominali massimu ta' Euro 200,000,000.

b) Il-bdil tal-i*stock* ta' 5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock'*) isir bil-kundizzjoni li dawn ikunu ħielsa minn kull forma ta' garanzija, rahan jew xkiel ieħor, u li l-investitur iċedi d-drittijiet kollha li hemm jew li 'l quddiem jista' jkun hemm marbuta ma' dan l-i*stock*.

ċ) It-Teżor iħassar l-ammonti (nominali) fil-5.70% Stock tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) li jixtri permezz ta' bdil fuq baži ta' xiri b'irkant fid-data tal-konklużjoni tat-transazzjoni.

2. TERMINI TAL-BDIL (IPPREZZAR)

L-*Accountant General* iħabbar il-*clean price* fiss għall-i*stock* ta' 5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock*') nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2011. Minn naħa tad-detenturi tal-i*stock* huma mitluba li jissottomettu offerti fil-forma ta' *clean price* għall-i*stock* ta' 4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*'), flimkien ma' l-ammont nominali tas-*source stock* li huma lesti jibdlu għal kull prezz tax-xiri offrut f'ammonti nominali ta' €500,000 kif indikat f'paragrafi 3(b) u f'ammonti nominali ta' €250,000 kif indikat f'paragrafu 3(ċ).

3. OFFERTI

a) Applikazzjonijiet magħmulin f'offerti b'irkant jiftħu t-Tnejn 5 ta' Diċembru, 2011 fit-8.30 a.m. u jagħlqu t-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2011 fis-2.00 p.m., jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-*Accountant General*.

b) Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, iridu jkunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta' €500,000 kull waħda.

ċ) Applikazzjonijiet sottomessi f'isem '*Nominee* a/c' u/jew '*Clients* a/c' jridu jkunu magħmulin għal minimu ta' €250,000

No. 1101

PROSPECTUS

EURO 200,000,000 (NOMINAL) OF 4.30% MALTA GOVERNMENT STOCK 2016 (IV) AVAILABLE FOR EXCHANGE BY AUCTION ON A BID PRICE BASIS THROUGH CONVERSION OF 5.70% MALTA GOVERNMENT STOCK 2012 (III)

Authorised under the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

1. EXCHANGE OF STOCK

a) The Accountant General invites bids by stockholders of 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) (hereafter also called the '*source stock'*) to switch their holdings into 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) (hereafter also called the *'destination stock'*) up to Euro 200,000,000.

b) Switches of holdings of 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) (the *'source stock'*) will be on the condition that they are surrendered free from all pledges, liens, charges and encumbrances and with all the rights now or hereafter attaching to them.

c) The Treasury shall cancel the amounts (nominal) of 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) it buys in through this switch auction on the day of settlement.

2. TERMS OF EXCHANGE (PRICING)

The Accountant General will announce a fixed clean price for 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) (the *'source stock'*) on Friday 2nd December 2011. Competitive (multiple-price) bids are invited on a clean price basis for the 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) (the 'destination stock'), together with the amount of *source stock* bidders are willing to switch in units of €500,000 (nominal) for every bid price as indicated at paragraph 3(b) and in amounts of €250,000 (nominal) at every bid price as indicated at paragraph 3(c).

3. BIDS

a) Applications in the form of sealed bids (auction) open at 8.30 a.m. on Monday 5th December, 2011 and close at 2.00 p.m. on Tuesday, 6th December, 2011 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b) Applications by any single bidder shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of €500,000 each.

c) Applications submitted in the name of Nominee a/c and/or Clients a/c must be in the form of sealed bids for a

u aktar. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem *'Nominee a/c'* u/jew *'Clients a/c'* jiġu aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bin-numru tal-karta ta' identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru ta' identità relevanti tal-klijenti rispettivi tagħhom.

d) Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 2596 7210 jew permezz ta' *e-mail* fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni.

e) Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq il-*website* tat-Teżor (*www. treasury.gov.mt*).

f) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

4. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*

L-allokazzjoni tal-i*stock* issir kif ġej:

a) L-offerti jkunu ikklassifikati skont il-*clean bid price* offrut għall-i*stock* ta' 4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') u jibdew mill-ogħla sal-anqas prezz. L-offerti li l-prezz tagħhom ikun 'il fuq jew daqs il-prezz li l-*Accountant General* jiddeċiedi li jkun l-inqas prezz aċċettabbli (il-'*lowest accepted price'*) jiġu aċċettati.

b) Id-detenturi tal-i*stock fil-*5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock*'), u li joffru l-ogħla *clean bid price* għad-*destination stock,* ikollhom l-applikazzjoni milqugħuha l-ewwel. Dawk l-offerti li jkunu daqs il-*lowest accepted price* ikunu allokati proporzjonalment skont l-ammont tas-*source stock* offrut.

ċ) L-offerti li jkunu aċċettati b'mod sħiħ jiġu allokati ammont ta' *stock* ta' 4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') skont is-*'switch ratio'* ikkalkulat kif ġej: il-*clean price* fiss magħdud mal-imgħax akkumulat ta' l-i*stock* tal-5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock*') hekk kif imħabbar mill-*Accountant General* nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2011, jiddividi ruħu bil-*clean bid price* magħdud miegħu l-imgħax akkumulat tad-*destination stock*. Dan ir-*ratio* ikun aġġustat għal tliet figuri deċimali, u jiġi multiplikat ma' l-ammont nominali tas-*source stock* li l-applikant indika li lest jibdel għal kull prezz ta' *destination stock* offrut (jew, fejn applikabbli, ir-*ratio* ikun multiplikat mal-porzjon ta' l-ammont li l-applikant indika li lest jibdel meta l-prezz offrut kien daqs il-*lowest accepted price*). Dan l-ammont ikun suġġett għal tnaqqis proporzjonali.

d) L-ammont tal-i*stock* li jiġi allokat lill-applikanti jiġi mgħarraf sagħtejn wara immedjatament il-ħin tal-għeluq tal-offerti b'irkant.

5. ĦLAS TA' DIVIDENDI (MGĦAX)

a) Waqt il-kors tal-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') id-*dividend* (l-imgħax)

minimum of €250,000 or more. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number, or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients.

d) Bids on the prescribed application forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 2596 7210 or by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application form.

e) Application forms may be obtained from all Members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at www.treasury.gov.mt.

f) All applications by bids will be irrevocable after closing time.

4. ALLOTMENT POLICY

Allocation of Stock will be made in the following manner:

a) Bids will be ranked in descending order of clean bid price for 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) (the *'destination stock'*) and accepted bids for such stock will be allotted to bidders whose bid prices are at, or above, the lowest price at which the Accountant General decides that any bid should be accepted (the 'lowest accepted price').

b) Stockholders of the 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) (the '*source stock'*) with the highest clean bid prices for the *destination stock* will have their bids accepted first. Bids at the lowest accepted bid price by more than one bidder will be allotted in proportion to the amount of corresponding *source stock* bid.

c) Bidders whose bids are accepted in full will be allocated amounts of 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) ('*destination stock'*) according to the switch ratio calculated as follows: the fixed clean price *plus* accrued interest of 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) (the '*source stock'*) as announced by the Accountant General on Friday, 2nd December, 2011 divided by the clean bid price *plus* accrued interest for the *destination stock*. This switch ratio, rounded to three decimal places, will be multiplied by the nominal amount of *source stock* the bidder is willing to exchange at each bid price for the destination stock (or, where applicable, the portion of the amount the bidder is willing to switch at the lowest accepted bid price), which amount is subject to any applicable scaling factor.

d) The allotment result of the Stock to bidders will be determined and announced within two hours immediately after the closing time of applications by auction.

5. PAYMENT OF DIVIDENDS (INTEREST)

a) During the tenor of the 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) (*the destination stock*) dividends (interest)

jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-16 ta' Frar u fis-16 ta' Awwissu ta' kull sena.

b) L-ewwel ħlas ta' mgħax għall-perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2011 u l-15 ta' Frar 2012 (iż-żewġ dati inklużi) jsir bir-rata ta' 2.15 fil-mija fis-16 ta' Frar, 2012.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skont kif indikat fuq il-formola tal-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

6. *SETTLEMENT*

a) L-offerti li jkunu aċċettati jkunu sistemati nhar is-7 ta' Diċembru 2011.

b) L-imgħax akkumulat fuq l-i*stock* ta' 5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) (is-'*source stock*') ikun ikkalkulat skont in-numru ta' ġranet bejn it-30 ta' Settembru 2011 (l-aħħar data meta tħallas l-imgħax dovut fuq dan l-i*stock*) u s-6 ta' Diċembru 2011 (iż-żewġ dati inklużi).

ċ) L-imgħax dovut fuq l-*istock* tal-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') ikun ikkalkulat skont in-numru ta' ġranet bejn is-16 ta' Awwissu 2011 u s-6 ta' Diċembru 2011 (iż-żewġ dati inklużi).

7. FAĊILITAJIET TA' *CLEARING*

a) ***MaltaClear***

Clearing u konklużjoni ta' operazzjonijiet fl-i*Stocks* tal-Gvern ta' Malta negozjati fuq il-*Malta Automated Trading System (MATS)* isiru permezz tal-*MaltaClear* skont Kapitolu 7 tal-*Bye-Laws* tal-Borża ta' Malta.

b) ***Clearing (FOP)* Permezz tal-*Clearstream – MSE Access Link***

(i) Applikanti jistgħu jagħmlu użu mill-faċilità ta' *clearing (FOP)* permezz tal-***Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Frankfurt (CBF) Access Link***, direttament bħala klijenti ta' *CBF* jew *Clearstream Banking SA, Luxembourg (CBL)* jew indirettament billi jkunu jistgħu jagħmlu *'clearing'* permezz ta' *CBF*/*CBL via* Depożitarju Ċentrali tat-Titoli ieħor jew Depożitarji Ċentrali Internazzjonali ('*CS*/*ICSD* oħra') magħquda ma' *CBF*/*CBL*.

(ii) L-*Accountant General* jannulla kull allokazzjoni ta' *Stock* lil kull istituzzjoni li tiddikjara li tkun klijenta ta' *CBF*/*CBL* jew b'xi mod ieħor tkun tista' tagħmel '*clearing*' permezz ta' *CBF*/*CBL* li iżda għal xi raġuni tkun irrifjutata mill-*Clearstream* waqt il-proċess ta' reġistrazzjoni. La darba s-sottoskrizzjoni tiġi rrifjutata, l-applikant għandu jitqies li żamm id-drittijiet kollha *(status quo ante)* fl-i*Stock* tal-5.70 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III).

8. *FUNGIBILITY*

L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur,

will be paid half yearly in arrears on 16th February and 16th August in every year.

b) The first dividend (interest) payment covering the period from the 16th August 2011 to the 15th February 2012 (both dates inclusive) shall be made at the rate of 2.15% on the 16th February 2012.

c) Payment of dividend shall be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

6. SETTLEMENT

a) Settlement of successful bids shall be effective on 7th December 2011.

b) The accrued dividend (interest) on the 5.70% Malta Government Stock 2012 (III) ('*source stock*') will be based on the number of days between the period from 30th September 2011 (last dividend/interest payment date of the stock) to 6th December, 2011 (both dates inclusive).

c) The accrued dividend (interest) on the 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) ('*destination stock*') will be based on the number of days between the period commencing from 16th August 2011 up to and including the 6th December 2011.

7. CLEARING FACILITIES

(a) **MaltaClear**

Clearing and settlement of transactions in Malta Government Stocks traded on the Malta Automated Trading System (MATS) are effected through MaltaClear in accordance with Chapter 7 of the Malta Stock Exchange Bye-Laws.

(b) **Clearing (FOP) through Clearstream – MSE Access Link**

(i) Applicants may also avail of the clearing facility (FOP) provided through the **Malta Stock Exchange plc (MSE) – Clearstream Banking AG – Frankfurt (CBF) Access Link** as direct customers of CBF or Clearstream Banking SA, Luxembourg (CBL), or indirectly by being capable of clearing through CBF/CBL via another central securities depository or international central securities depository ('other CS/ICSD') linked to CBF/CBL.

(ii) The Accountant General shall cancel any allotment of stock to any institution claiming to be CBF/CBL customers or otherwise capable of clearing via CBF/CBL, but which are rejected by Clearstream for any reason whatsoever in the process of registration. Once a subscription is rejected the applicant will be deemed to have maintained all the *status quo ante* rights in the holdings of the 5.70% Malta Government Stock 2012 (III).

8. FUNGIBILITY

The Accountant General reserves the right to issue in

ammonti addizzjonali tal-i*stock* ta' 4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati mal-i*stock* eżistenti.

9. *UNDERISSUANCE*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jaċċetta l-applikazzjonijiet għall-ammont sħiħ jew parti minnhom u li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha għal kull raġuni li jidhirlu xierqa minkejja li l-ammont li jittieħed ikun anqas mill-ammont offrut. L-*Accountant General* jista' anke jiddeċiedi li ma jibdel l-ebda ammont ta' *stock*.

10. FIDWA TA' *STOCK*

L-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) (id-'*destination stock*') għandu jiġi mifdi b'parita' fis-16 ta' Awwissu, 2016.

11. SIGURTÀ

Il-ħruġ tal-i*stock* tal-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) u d-*dividend* (mgħax) fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

12. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*stock* tal-4.30 fil-mija *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (IV) maħruġ għal din l-offerta ta' bdil b'irkant jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

13. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA

L-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, id-Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment taħt l-artikoli 31 (a) u (b) u artikolu 32 tal-Ordinanza msemmija, u r-Regolamenti tal-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-i*stock* ikun fis-suq.

Id-29 ta' Novembru, 2011

Nru. 1102

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 82 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504)

FUQ talba tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed toħroġ din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq:

future, additional amounts of the 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing stock.

9. UNDERISSUANCE

The Accountant General reserves the right to accept bids for the full amount on offer at the auction or any part thereof and to reject any bid or part thereof on any grounds whatsoever, notwithstanding that the amount on offer has not been taken up. The Accountant General may also decide not to switch any of the stock.

10. REDEMPTION OF STOCK

The 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) shall be redeemed at par on the 16th August 2016.

11. SECURITY

The issuance of 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) and dividend (interest) thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

12. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the 4.30% Malta Government Stock 2016 (IV) issued for this offer of exchange by auction to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for this bond to be admitted to its Official List.

13. RELEVANT LEGISLATION

The Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, (Cap. 161), the Directive by the Minister of Finance, the Economy and Investment under articles 31 (a) and (b) and article 32 of the said Ordinance, and the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenor of the stock.

29th November, 2011

No. 1102

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Article 82 of the Environment and Development Planning Act (Cap. 504)

ON the request of the Superintendence of Cultural Heritage, the Malta Environment and Planning Authority is issuing this Emergency Conservation Order on:

PROPRJETÀ FI TRIQ IT-TLIET KNEJJES, ĦAL BALZAN

(ara l-pjanta fuq paġna 13,321) minħabba li hi ta' valur arkitettoniku u ta' valur fil-kuntest li tinstab fih, hekk li għandha tiġi inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skont it-termini tal-Artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504).

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-iżvilupp permess fis-sit indikat jista' jtellef fil-kuntest tal-proprjetà msemmija.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skont Artikolu 82 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skont il-Policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri arkitettoniċi u kuntestwali tagħha.

(ii) Rigward il-permess maħruġ fuq is-sit, dan jista' jitwettaq sakemm ma ssir l-ebda ħsara, fil-konfini ta' din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni u skont id-direzzjoni li tingħata mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'konsultazzjoni mas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

(iii) Kull użu fil-konfini tal-proprjetà msemmija hawn fuq għandu jkollu permess validu maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra li jistgħu jaffettwaw il-parti tal-proprjetà li fuqha nħarġet din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'konsultazzjoni mas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali permezz ta' applikazzjoni emendata jew ġdida.

(iv) L-arkata tad-daħla, il-koxox tal-bieb u elementi relatati oħra fi Sqaq Numru 1 kif ukoll ix-*shelter* ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija li qiegħed fil-ġnien għandhom jitħarsu minn kull twaqqigħ, tibdil, jew xi forma ta' ħsara oħra.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà ssirilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox bi ksur ta' din l-Ordni, Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra l-Artikoli 81, 86, 87, 88 u 90 tal-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-29 ta' Novembru, 2011

PROPERTY AT TRIQ IT-TLIET KNEJJES, ĦAL BALZAN

(see site plan on page 13,321) which is of architectural and contextual value such that it should be listed as a Scheduled Property in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act, (Cap. 504).

The Authority also believes that the property may be in danger of being damaged, altered, demolished or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Article 82 of the Environment and Development Planning Act.

(i) The property is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual values.

(ii) Works may proceed on site in line with the valid permit as long as no damage is carried out within the boundary of this Emergency Conservation Order and in line with any direction given by the Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Superintendence of Cultural Heritage.

(iii) All uses within the precinct of the aforementioned property are to be covered by a valid permit from the Malta Environment and Planning Authority.

(iv) All developments, alterations or interventions that might affect the part of the property covered by this Emergency Conservation Order must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Superintendence of Cultural Heritage through an amended or new application.

(iv) The entrance archway, door jambs and other related features at Alley Number 1 are to be safeguarded from any demolition, alteration or any other form of damage.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this order.

If the property is damaged, altered, demolished or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Articles 81, 86, 87, 88 and 90 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

29th November, 2011

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E50551, N72984
Max E50737, N73151
Title :-
Emergency Conservation Order
No. 1 Alley 1, Nos 5,6
"The Orangerie",
Triq it-Tliet Kneijes, Hal-Balzan
Ref. No. :- PA 5363/05
Key :-
Grade 2 Palazzo
Buffer Zone
Form No. :- MU004
TRIQ IT-TLIET KNEJJES
TRIQ IL-PROVIDENZA
TRIQ MONS. F.X. ZAHRA
KAPPELLA
TRIQ
PJAZZA
RTU FENECH
N
0
0.03
0.06
km

Nru. 1103

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-7 ta' Novembru, 2011:

Kunsill	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Tas-Sliema	Paul Gatt

Id-29 ta' Novembru, 2011

No. 1103

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Council with effect from 7th November, 2011:

Council	*Acting Executive Secretary*
Tas-Sliema	Paul Gatt

29th November, 2011

Nru. 1104

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-7 ta' Novembru 2011:

Kunsill	*Segretarju Eżekuttiv*
Floriana	Svetlick J. Flores

Id-29 ta' Novembru, 2011

No. 1104

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Council with effect from 7th November 2011:

Council	*Executive Secretary*
Floriana	Svetlick J. Flores

29th November, 2011

Nru. 1105

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
626	Palazzo Trigona Triq Victor Denaro, Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	03/08/2011
557	Kumpless ta' San Ġorġ Il-Qasam ta' San Ġorġ, San Ġiljan	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	22/11/2011
566	Marble Arch Residence Triq Lapsi u Triq Carmel, San Ġiljan	Reġistrazjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	08/03/2011

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Id-29 ta' Novembru, 2011

No. 1105

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
626	Palazzo Trigona Triq Victor Denaro, Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	03/08/2011
557	Kumpless ta' San Ġorġ Il-Qasam ta' San Ġorġ, San Ġiljan	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	22/11/2011
566	Marble Arch Residence Triq Lapsi u Triq Carmel, San Ġiljan	Reġistrazjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	08/03/2011

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

29th November, 2011

Nru. 1106

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ikkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK. 143779
Post: Sit fi Triq il-Marfa, Il-Mellieħa
Proposta: Tħaffir ta' trinka għal bdil tar-rotta prinċipali tad-drenaġġ.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-16 ta' Awwissu 2011 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa mill-applikanti fid-19 ta' Ottubru 2011.

No. 1106

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption from Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK. 143779
Location: Site at Triq Il-Marfa, Mellieħa
Proposal: Excavation of trench for the diversion of main sewer.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA in 16th August 2011 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted by the applicants on 19th October 2011.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Użu tal-art	Il-proposta mhux mistennija li se jkollha impatt sinifikattiv fuq il-wiċċ tal-art, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-interventi se jseħħu ġewwa s-sit approvat tas-Seabank Hotel jew taħt l-art.
Land use	*No significant physical impacts on surface are envisaged, given that most interventions shall be either within the approved Seabank Hotel site or underground.*
Trabijiet	Aktarx li waqt it-tħaffir u l-ġarr tal-materjal mis-sit se jinħolqu trabijiet li jista' jkollom impatt negattiv fuq l-ambjent. Jista' jkun hemm xi impatti fuq iż-żoni agrikoli fil-madwar, però mhux mistennija li jkunu sinifikattivi. L-impatti għandhom jittaffew permezz ta' pjan dettaljat għall-ġestjoni tal-faži ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, minħabba li l-ġarr ta' materjal skavat mill-mina u mit-trinek se jsir ġewwa s-sit tal-estensjoni tas-Seabank Hotel, dan l-impatt għandu jittaffa. L-osservanza tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 259 tal-2007), flimkien ma' monitoraġġ tas-sit waqt it-tħaffir u l-bini, jista' jnaqqas l-dan l-impatt b'mod xieraq.

Dust emissions

During the excavation phase, and during loading and transport of material from the site, dust emissions are envisaged, and may have a negative impact on the environment. Impacts may possibly occur on the surrounding agricultural land, however these are not likely to be significant. Any possible impacts would be mitigated through a detailed Construction Management Plan (CMP). Moreover, since the movement of spoil from the tunnelling and trenching works (except for the trenching works in the arterial road and the drilling of the manholes) will be taking place within the Seabank Hotel development site, this impact will most likely be mitigated. Compliance with the Environmental Management Site Regulations (Legal Notice 259 of 2007) and site monitoring during excavation and construction can suitably mitigate this impact.

Storbju u vibrazzjonijiet

Huwa mistenni li jkun hemm impatti tal-istorbju waqt it-tħaffir tat-trinek u l-mina. It-tħaffir għandu jsir b'magna apposta għat-tħaffir tal-mini u permezz ta' magna tat-tħaffir tat-trinek. Se jkun hemm vibrazzjonijiet waqt il-fażi tat-tħaffir minħabba l-użu tal-*pneumatic hammers*. Dawn l-impatti mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti minħabba li huma ta' natura temporanja. L-immaniġġar tas-sit waqt il-fażi tal-kostruzzjoni għandu jkun skont ir-Regolamenti dwar Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal- Kostruzzjoni (Avviż Legali 259 tal-2007).

Noise and vibrations

Noise impacts are likely to arise during the excavation of the trenches and the tunnel. Excavations are to be conducted by means of a tunnel boring machine and a trencher. Vis-à-vis vibrations, excavation works are to be carried out without the use of pneumatic hammers. Such impacts are not likely to be significant in view that they are of a temporary nature. Site management practices during the construction phase will be in compliance with the Environmental Management Site Regulations (Legal Notice 259 of 2007).

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Id-29 ta' Novembru, 2011

29th November, 2011

Nru. 1107

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 1107

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
29. 11. 2011	€41.087	€0.787

Id-29 ta' Novembru, 2011

29th November, 2011

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 125

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija, jgħarraf illi l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru, 2011 mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru, 2011 il-jum kollu minn Pjazza Santa Marija.

Nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru, 2011 il-jum kollu minn Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru, 2011 il-jum kollu minn Pjazza Santa Marija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-29 ta' Novembru, 2011

POLICE NOTICE

No. 125

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Qrendi

On Thursday 15th December, 2011 from 3.00 p.m. onwards through Pjazza Santa Marija.

On Friday 16th December, 2011 all day through Pjazza Santa Marija.

On Saturday 17th December, 2011 all day through Pjazza Santa Marija.

On Sunday 18th December, 2011 all day through Pjazza Santa Marija.

Vehicles found in contravention of the order of this Notice are subject to be towed.

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 104 tal-2011

Surveys tal-Baħar fil-Bajja tal-Mellieħa

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru *surveys* tal-baħar fil-Bajja tal-Mellieħa kif jidher fuq iċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

Is-*surveys* se jibdew u mistennija li jdumu ġimagħtejn (jekk it-temp jippermetti).

Il-*survey vessel* ISIS se jintuża għal din l-operazzjoni u se jkun qed jirmonka *cable* ta' 30 metru.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jżommu 150 metru l-bogħod meta jkunu fil-viċinanzi tal-bastiment fid-dati ta' hawn fuq. Għandhom ukoll jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Id-29 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 104 of 2011

Marine Surveys in il-Bajja tal-Mellieħa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that a marine surveys will be carried in il-Bajja tal-Mellieħa as shown on the chart which can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

The surveys have commenced and are estimated to last for two weeks (weather permitting).

The survey vessel ISIS will be used for this operation and will be towing a cable of 30metres.

Mariners are to note the above and give a wide berth of 150 metres when this vessel is sighted on the above dates. Any instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control) are to be adhered to.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 105 tal-2011

Korrezzjoni fiċ-Chart

B'riferenza għal BA Chart 2538 – Malta,

Ix-Xatt fix-Xlokk – Il-Ponta taż-Żonqor,

id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi l-i*small scale wave energy converter* stabbilit skont l-Avviż lill-Baħħara Nru. 62 tal-2011 fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 52'.118	14° 34'.987

TNEĦĦA.

Ħassar *legend Fl(1)Y* 4s ħdejn ta' hawn fuq.

Charts affettwati: BA Chart 2538, 194

Id-29 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 105 of 2011

Chart Correction

Reference is made to BA Chart 2538 – Malta.

South East Coast – Il-Ponta taż-Żonqor

the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the small scale Wave Energy Converter, established as per Notice to Mariners No. 62 of 2011 in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 52'.118	14° 34'.987

has been REMOVED

Delete legend Fl(1)Y 4s close of above.

Chart Affected: BA Chart 2538, 194

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 106 tal-2011

Surveys tal-Baħar fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru *surveys* tal-baħar fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex u kif tasal għaliha kif jidher fuq iċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

Is-*surveys* se jibdew fid-29 ta' Novembru, 2011 u mistennija li jdumu tliet ġimgħat (jekk it-temp jippermetti).

Il-*survey vessel* ISIS se jintuża għal din l-operazzjoni u se jkun qed jirmonka *cable* b'tagħmir ta' riċerka.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jżommu 350 metru bogħod meta jkunu fil-viċinanzi tal-bastiment fid-dati ta' hawn fuq. Għandhom ukoll jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS).

Pożizzjonijiet jirrferu għal WGS 84 DATUM.

Id-29 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 106 of 2011

Marine Surveys in il-Bajja ta' Marsalforn, Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that a marine survey will be carried in il-Bajja ta' Marsalforn, Gozo and it's approaches as shown on the chart which can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

The surveys have commenced and are estimated to last for three weeks (weather permitting).

The survey vessel ISIS will be used for this operation and will be towing a cable with research equipment.

Mariners are to note the above and give a wide berth of 350 m when this vessel is sighted on the above dates. Any instructions issued by Valletta VTS (Valletta Port Control) are to be adhered to.

Positions referred to WGS 84 DATUM

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 107 tal-2011

Restrizzjoni ta' Veloċità Qrib Inġenji Żgħar, Inħawi ta' Rmiġġ u Marinas

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, ifakkar lill-baħħara, sidien ta' dgħajjes u operaturi ta' bastimenti kummerċjali fuq l-importanza li jbaħħru b'veloċità moderata f'kull ħin skont iċ-ċirkostanzi u kundizzjonijiet u b'aktar attenzjoni u bilmod meta joperaw u jimmanuvraw meta jkunu qrib dgħajjes żgħar, inħawi ta' rmiġġ u marinas. Il-baħħara huma mfakkra wkoll fuq l-importanza li joqogħdu attenti f'kull ħin.

Għandu japplika dan li ġej:

1) Skont ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentri ta' *Yachting* (LS499.10) il-limitu ta' veloċità fiż-żoni tal-baħar stabbilit għaddħul u l-ħruġ u l-passaġġi navigabbli qrib ċentri ta' *yachting, marinas* u nħawi ta' rmiġġ għandu jkun sa massimu ta' 3 *knots*;

2) B'żieda mar-Regolamenti dwar il-Portijiet (LS499.01) u r-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar (LS499.52) ġie deċiż illi fl-inħawi l-oħra tal-portijiet tal-Belt Valletta, Marsamxett u l-Imġarr (Għawdex) il-baħħara għandhom ibaħħru b'veloċità massima ta' 5 *knots* u jżommu l-inqas rima. F'portijiet u daħliet oħra, sa 300m mix-xatt ta' ramla u sa 200m minn xi parti oħra tax-xatt għandhom ibaħħru b' veloċità li ma taqbiżx l-10 *knots;* u

3) Meta jidhru *speed barker buoys (IALA Special Mark)*, il-veloċità indikata fuq il-baga m'għandhiex tinqabeż.

Operaturi ta' bastimenti kummerċjali huma mitluba wkoll biex jikkuntattjaw u jgħarrfu lil Valletta VTS uq VHF Channel 12 qabel ma jmorru fuq *harbour cruises* fil-portijiet kif ukoll javżaw l-Operatur tal-Marina rispettiv fuq VHF Channel 13 meta jkunu qed ibaħħru f'daħliet u passaġġi navigabbli.

L-Avviż lill-Baħħara Nru. 96 tal-2011 huwa b'dan imħassar.

Id-29 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 107 of 2011

Speed Restricted in Close Proximity to Small Craft, Mooring Areas and Marinas

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, reminds mariners, boaters and operators of commercial vessels on the importance of proceeding at a safe speed at all times subject to the prevailing circumstances and conditions and with extra caution and slow speed when operating and maneuvering in close proximity to small craft, mooring areas and marinas. Mariners are also reminded on the importance of keeping a proper lookout at all times.

The following shall apply:

1) In terms of the Yachting Centres Regulations (SL499.10) the speed limit in the approaches to and fairways near yachting centres, marinas and mooring areas shall be a maximum of 3 knots;

2) Further to the Ports Regulations (SL499.01) and the Small Ships Regulations (SL499.52) it is determined that within the other areas of the ports of Valletta, Marsamxett and Mġarr (Gozo) mariners are to proceed at a maximum speed of 5 knots and keeping wash as a minimum. In other ports and harbours, within 300m from the foreshore of a sandy beach and within 200m from other part of the foreshore are to proceed at a speed which is not in excess of 10 knots; and

3) When speed barker buoys (IALA Special Mark) are sighted, speed as indicated on buoy is not to be exceeded.

Operators of Commercial Vessels are further requested to contact and inform the Valletta VTS on VHF Channel 12 prior to proceeding on harbour cruises within the ports and also inform the respective Marina Operator on VHF Channel 13 when navigating within creeks and marina fairways.

Notice to Mariners No 96 of 2011 is hereby repealed.

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 108 tal-2011

Special Mark Buoy Safra li tqiegħdet 'l hinn mill-Breakwater Prinċipali ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi l-i*special mark buoy* safra li tqiegħdet 'l hinn mill-*Breakwater* Prinċipali ta' Marsaxlokk fil-pożizzjoni li ġejja:

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 108 of 2011

Yellow Special Mark Buoy placed off the Marsaxlokk Main Breakwater

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the yellow special mark buoy placed off Marsaxlokk main Breakwater in the following position:

Latitude (T)	*Longitude (L)*	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
35º 48'.894	14º 32'.884	35º 48'.894	14º 32'.884

Issa tneħħa

Pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 36

Id-29 ta' Novembru, 2011

Has now been removed.

Positions is referred to WGS 84 DATUM.

Chart Affected BA 36

29th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 109 tal-2011

Survey tal-Baħar fil-Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'seħħ immedjat se jsir *survey* tal-baħar għal riċerka fil-Port ta' Marsamxett kif jidher fuq iċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

Is-*surveys* mistenni li jkun lest sal-Ġimgħa, id-9 ta' Diċembru, 2011. Din ir-riċerka se ssir mill-bastiment RUSAND.

Il-baħħara huma avżati jbaħħru b'attenzjoni u bilmod meta jkunu fil-viċinanzi tal-inħawi msemmija hawn fuq u jżommu 'l bogħod mill-bastiment RUSAND. Il-baħħara huma avżti wkoll biex jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS) fuq VHF Channel 12.

Chart affettwata: BA Chart 177

Id-29 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 109 of 2011

Marine Survey at Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that with immediate effect marine research activities will be conducted in Marsamxett Harbour, as shown on the chart which can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1).

The activity is expected to be completed by Friday, 9th December, 2011. This research will be conducted from the vessel RUSAND.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the above-indicated areas and give the vessel RUSAND a wide berth. Mariners are also notified to abide with any instructions from Valletta VTS (Valletta Port Control) on VHF Channel 12.

Chart affected: BA Chart 177

29th November, 2011

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Economics Officer* fid-Dipartiment għall-Politika dwar l-Ekonomija, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Economics Officer* fid-Dipartiment għall-Politika dwar l-Ekonomija, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-post ta' *Economics Officer* għandu salarju ta' €15,729 fis-sena, li jiżdied €407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,175 (Skala ta' Salarju 10).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Economics Officer in the Economic Policy Department within the Ministry of Finance, the Economy and Investment

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the post of Economics Officer in the Economic Policy Department within the Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The salary for the post of Economics Officer is €15,729 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,175 (Salary Scale 10).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (€16,751 x €447.33 – €19,435) wara li tagħlaq sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (€17,867 x €486.83 – €20,788) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer,* jew tmien (8) snin jekk ikollha kwalifika *postgraduate* xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (€19,085 x €531.17 – €22,272) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fid-Dipartiment ghall-Politika dwar l-Ekonomija b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġu trasferiti skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Fost affarijiet oħra, il-persuni magħżula jkunu meħtieġa li inter alia jagħmlu xogħol ta' riċerka, analiżi ta' l-ekonomija, żamma ta' data tal-istatistika u preżentazzjoni ta' rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra, kif ukoll jaqdu dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

2.2 Subject to satisfactory performance, an Economics Officer will progress to Scale 9 (€16,751 x € 447.33 – €19,435) on completion of two years service in the grade.

2.3 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (€17,867 x €486.83 - €20,788) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (€19,085 x €531.17 – €22,272) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Economic Policy Department in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The selected applicants will be required, inter alia, to undertake research work, perform economic analysis and compile statistical data, economic reports and other documents. Selected applicants will also be required to perform any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-"Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji".

Għandu jintalab parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża;

(c) ikollhom, jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, mill-anqas *first degree* rikonoxxuta (MQF Livell 6 jew ogħla), jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy*, fil-Kummerċ, fil-Finanzi jew fil-*Banking* jew *degree* oħra rikonxxuta, jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala s-suġġett prinċipali. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il-kandidati li jkollhom, jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, mill-anqas *first degree* bl-unuri (MQF Livell 6 jew ogħla) rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli fil-*Public Policy* jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej, basta jkunu kisbu b'suċċess *credits* fl-Ekonomija jew Finanzi jew Statistika;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma mpjegati tal-Gvern ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Applikazzjonjiet jiġu kkunsidrati wkoll minn *undergraduates* li jkunu qed jistennew li jottjenu *degree*/kwalifika kif indikat f'paragrafu 5.1 (c) matul l-2012, basta sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt paragrafi 5.1 (a), (b) u (d) hawn fuq imsemmija.

5.3 L-applikanti li jkunu għaddew b'suċċess taħt paragrafu 5.2, isiru eliġibbli għall-ħatra bħala *Economics*

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the English Language;

(c) in possession, or have been approved for the award, of at least, a recognized first degree (MQF Level 6 or higher), or a recognised, appropriate, comparable qualification, in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking, or other recognised degrees or other recognised, appropriate, comparable qualifications with any of these disciplines as a major area of study. Candidates in possession, or who have been approved for the award, of at least a recognised honours degree (MQF Level 6 or higher), or a recognised, appropriate, comparable qualification, in Public Policy or International Relations or European Studies would also be considered, provided that they have successfully obtained course credits in Economics or Finance or Statistics;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Applications will also be considered from undergraduates who expect to obtain a degree/qualification listed in paragraph 5.1 (c) during 2012, provided that by the closing time and date of this call for applications, they satisfy the conditions under paragraphs 5.1 (a), (b) and (d) above.

5.3 Successful applicants under paragraph 5.2 will only become eligible for appointment as Economics Officers on

Officers biss meta jtemmu l-istudji tagħhom b'suċċess u wara li jiġu approvati mill-Università/Istituzzjoni għall-għoti tad-*degree*/kwalifika.

5.4 Barra minn hekk, l-applikanti li jkunu għaddew b'suċċess taħt paragrafu 5.2 ikunu kkunsidrati għall-ħatra biss jekk ma jgħaddux biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1, dejjem jekk ikun hemm vakanzi.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn bdil raġjonevoli skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNDP. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttorat riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNDP.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Dawn għandhom ikunu jew mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament bil-posta lid-Direttorat riċeventi mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-għeluq. Kopji bl-i*scanner* mibgħuta b'mod elettroniku jkunu aċċettati.

7.2 Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw

the successful completion of their studies and on obtaining the approval of the University/Institution for the award of the degree/qualification.

5.4 Moreover, successful applicants under paragraph 5.2 will only be considered for appointment if there are not enough successful applicants under paragraph 5.1, and provided vacancies are available.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration and Human Resources Office and the approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Directorate and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-

din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lill-min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, lmin japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

8.1 Il-Bord tal-Għażla jassessja l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

8.2 L-avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana VLT 2000.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn jeżistu l-vakanzi. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuni magħżula jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dawn il-postijiet.

10. Il-formoli tal-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.3 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of Economic Policy Department, St Calcedonius Square, Floriana VLT2000.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying the Head of Department wherein the vacancies to be filled lie. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the posts.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija huwa: +356 2124 9355).

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta mid-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Politika dwar l-Ekonomija, Pjazza San Kalċedonju, Floriana fi żmien sebat (7) ijiem.

Id-29 ta' Novembru, 2011

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* fid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u Akwakultura fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Skont klawżola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* fid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u Akwakultura fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

or obtained from the Director General, Economic Policy Department, St Calcedonius Square, Floriana.

11. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Economic Policy Department, St Calcedonius Square, Floriana by not later than noon (Central European Time) on Friday, 23rd December 2011.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 23rd December 2011 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Economic Policy Department, St Calcedonius Square, Floriana, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Economic Policy Department is: + 356 2124 9355).

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Economic Policy Department, and a receipt will be given in hand at the time of delivery

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Economic Policy Department, St Calcedonius Square, Floriana within seven (7) days.

29th November, 2011

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding, in the Rural Development and Aquaculture Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications for the position of Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding, in the Rural Development and Aquaculture Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' seba' u għoxrin xahar (27) bħala *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* fid-Dipartiment tal-iŻvilupp Rurali u Akwakultura fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat. La dil-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4)(c) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitwit b'Regolament 3(b)(4) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.1 The selected candidate will enter into a twenty seven (27) month assignment as Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding, in the Rural Development and Aquaculture Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding during the assignment period will lead to termination of assignment. Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4)(c) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008.

2.2. Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv/*indefinite status* meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/ indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on termination of assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Resources and Rural Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3. Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment,* tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 12, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 12 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service and during the period of assignment is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 12, he/she will be expected to relinquish the duties of Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding, and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Scale 12 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 12 (€15,994 fis-sena 2011).

3.1 The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 12 (€15,994 per annum in 2011).

3.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

3.2 If a selected candidate is a Public Officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

3.3 Il-pożizzjoni hi ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea permezz tal-*LIFE+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding*.

3.3 The position is co-financed by the European Union through the LIFE+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding* jinkludu inter alia li:

(a) Tħarreġ lill-bdiewa u r-raħħala b'mezzi li jinkludu laqgħat individwali f'postijiet diversi jew fuq il-post dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni fuq in-Nitrati;

(b) Tħaddem is-servizz tal-*freephone* għall-proġett tal-Life+;

(ċ) Tħarreġ lill-bdiewa u r-raħħala ġewwa l-uffiċini fejn ikun qed jitmexxa l-proġett. It-*Trainer* ikun ukoll preżenti f'siti strateġiċi biex jassisti lill-bdiewa u r-raħħala, kemm dawk *'full-time'* u kemm dawk *'part-time'*, f'xi diffikultajiet li jista' jkollhom fuq dan il-proġett;

(d) Tipprovdi għajnuna u taħriġ lill-bdiewa u r-raħħala waqt fieri tal-irħula, fieri agrikoli tal-bdiewa u r-raħħala, fieri nazzjonali u wirjiet oħra skont il-bżonn;

(e) Tħarreġ *trainers* oħra u jsir skambju ta' informazzjoni mat-tim kollu tal-proġett;

(f) Tfassal rapporti relatati ma' diversi suġġetti tal-Kampanja ta' Informazzjoni, li tinkludi, imma mhux biss limitata, għall-ġbir ta' *data* miġbura waqt laqgħat u konferenzi;

(g) tipparteċipa f'attivitajiet ta' *networking* billi primarjament tipprovdi għajnuna lill-bdiewa u lir-raħħala dwar kif jużaw is-sistema tad-*database* tan-*Nitrate System* għat-tqegħid u ksib ta' informazzjoni minnha;

(h) Tipprovdi pariri tekniċi lill-*Project Manager* kif ukoll lill-bdiewa u r-raħħala;

(i) Tiġbor informazzjoni u *data* għall-kunsiderazzjoni ta' uffiċjali ogħla sabiex ifasslu diversi rapporti tekniċi u oħrajn ta' kull xahar;

(j) Iżżomm lista aġġornata u żżomm lill-*Project Manager* aġġornat fuq żviluppi ta' regolamenti, linji gwida u/jew rapporti li huma relatati man-Nitrati;

(k) Tgħin lill-bdiewa u r-raħħala biex jissottomettu applikazzjonijiet għall-għajnuna u jżommu l-informazzjoni miġbura f'sistemi tal-*IT;*

(l) Tgħin lill-*Project Manager* fl-organizzazzjoni, fit-tmexxija u fil-parteċipazzjoni tal-kampanja;

(m) Tgħin membri tas-settur agrikolu biex jieħdu, jipproċessaw u janalizzaw il-ħamrija u juru lill-bdiewa,

4. The duties for the position of Trainer for the Life+ Project – Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding will, inter alia, include:

(a) Training of farmers and livestock breeders through various means including one to one meetings at various locations or on-the-spot, on the implementation of the Nitrates Action Programme;

(b) Operating the freephone service for the Life+ project;

(c) Training farmers and livestock breeders at the project management's offices. Trainers will also be present at strategic locations to assist any full-time or part-time farmers and livestock breeders in any query that they might have with respect to the project;

(d) Providing assistance and training to farmers and livestock breeders during the village fairs, farmers and livestock breeders products' fair, national fairs and other exhibitions as necessary;

(e) Internal training to other trainers and sharing of knowledge within the team;

(f) Drawing up reports pertaining to numerous topics related to the Information Campaign, including but not limited to data obtained from meetings and conferences;

(g) Participating in networking activities, primarily providing assistance to farmers and livestock breeders in utilising the Nitrate Database System in order to input information and obtain data from the system;

(h) Providing technical advice to the Project Manager and the farming and livestock breeding community;

(i) Collect data and information and compile it for review by higher officials in the preparation of various technical reports and monthly reports;

(j) Maintain an up-to-date index and keep the Project Manager abreast of developments of regulations, guidelines and/or reports pertaining to Nitrate related issues;

(k) Assisting farmers and livestock breeders in submitting an aid application and input information into IT System;

(l) Assisting the Project Manager in organising, conducting and participating in the campaign;

(m) Assisting the farming community in taking, processing and analysing soil and demonstrating to all full-time farmers

kemm dawk *full-time* u kemm dawk *part-time* li għandhom aktar minn 1.5 ha ta' art, kif jużaw s-*soil analysis kits* u kif jinterpretaw ir-riżultati b'mod korrett;

(n) Tiltaqa' u tikkonsulta mal-partijiet interessati, entitajiet interessati fis-settur agrikolu u l-iżvilupp rurali u mal-bdiewa u r-raħħala biex jiġi ddeterminat il-bżonnijiet tal-proġetti/programmi, biex jikkoordina żviluppi ta' pjanijiet biex jindirizza u jtaffi problemi eżistenti jew li jistgħu jinqalgħu;

(o) Tqajjem għarfien fost il-bdiewa u r-raħħala fuq il-valur u l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proġett sabiex ikunu konformi mal-liġijiet u *standards* rilevanti;

(p) Tiskeda u/jew tmexxi u/jew tipparteċipa f`laqgħat informattivi u *seminars* organizzati bħala parti mill-proġett tal-*Life+* waqt fieri ġo l-irħula, fieri agrikoli u fieri nazzjonali fost oħrajn;

(q) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessjoni ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mingħand it-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-*People Management and Support Services,* Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk A, Triq Francesco Buonamici, Floriana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-

and part-time farmers holding over 1.5 ha of land how to use soil analysis kits and the proper interpretation of results;

(n) Meeting and consulting with stakeholders, entities with agriculture interests and rural development, farmers and livestock breeders to determine needs for projects/programmes, to coordinate development of plans to address and alleviate existing or potential problems;

(o) Raise farmers and livestock breeders' awareness on the value and importance of participating in the project in order to become compliant with relevant legislation and standards;

(p) Schedule and/or conduct and/or participate in informational meetings and seminars organised as part of Life+ projects including village fairs, farmers product fairs and national fairs;

(q) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

A complete Position Description can be obtained from the Human Resources Section, People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

or obtained from the Human Resource Section, People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana.

14. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) on Friday, 23rd December 2011, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Section is: +356 2299 7878.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur *(People Management and Support Services),* Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-29 ta' Novembru, 2011

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director People Management and Support Services, Ministry for Resources and Rural Affairs, within seven (7) days.

29th November, 2011

LIFE+ Project: Information and communications campaign for the proper use and management of nitrates in agriculture and livestock breeding
01/09/2011 – 31/12/2013
Pożizzjoni ta' *Administrative Assistant*
Rata ta' Kofinanzjar: 50% Fondi tal-UE; 50% Fondi Nazzjonali

LIFE+ Project: Information and communications campaign for the proper use and management of nitrates in agriculture and livestock breeding
01/09/2011 – 31/12/2013
Position of Administrative Assistant
Co financing rate: 50% EU Funds; 50% National Funds

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Learning Support Assistant II*
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

**Skont Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kwalifikati adatti għall-post ta' *Learning Support Assistant II* (LSA II) fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku: (https://www.meef.gov.mt/Page.aspx?pid=210&depid=2&pageid=14).

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' diċentralizzazzjoni u awtonomija.

4. Is-salarju ta' *Learning Support Assistant II* huwa ta' €13,870 fis-sena li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €15,994 (Skala ta' Salarju 12).

5. Persuna fil-grad ta' *Learning Support Assistant II* titla' għal skala ta' Salarju 10 (€15,729 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,175) wara (5) ħames snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Learning Support Assistant II
in the Directorate for Educational Services (DES)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified persons for the post of Learning Support Assistant II (LSA II) in the Directorate for Educational Services (DES).

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (https://www.meef.gov.mt/Page.aspx?pid=210&depid=2&pageid=14).

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and Schools within an established framework of decentralization and autonomy.

4. The post of Learning Support Assistant II carries a salary of €13,870 per annum rising by annual increments of €354 to a maximum of €15,994 (Salary Scale 12).

5. A Learning Support Assistant II will progress to Salary Scale 10 (€15,729 per annum rising by annual increments of €407.67 to a maximum of €18,175) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

6. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

7. Il-kandidati magħżula jkunu mistennija li jtemmu b'suċċess kors ta' taħriġ ta' induzzjoni. Huma jkunu mistennija wkoll li jipparteċipaw f'korsijiet ta' żvilupp professjonali u fi programmi ta' taħriġ *in-service,* skont kif ikun adatt għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom, kif indikat lilhom mill-Awtoritajiet Edukattivi. Huma għandhom jadottaw u jaħdmu lejn l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola partikulari fejn ikunu qed jagħtu servizz.

8. Il-kandidati magħżula għandhom jaħdmu skont il-bżonnijiet tal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jkunu *statemented* li jkunu fil-Kulleġġ jew fiċ-Ċentri jew fir-*Resource Centres* skont kif ordnat mill-Prinċipal u/jew mill-Kap ta' Skola. *Learning Support Assistanst II* jistgħu jintalbu jagħtu servizz temporanju f'aktar minn skola jew ċentru wieħed, kif ukoll jagħtu servizz fil-qasam ta' speċjalizazzjoni tagħhom skont kif l-Awtoritajiet Edukattivi jifhmu li jkun meħtieġ.

9. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-*Learning Support Assistant II* jinkludu:

a) *Għajnuna fit-tagħlim:*

Jgħinu u jaħdmu id f'id mal-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassi, jassistu fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

Jipparteċipaw bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-*Making Action Plans (MAPs);*

Flimkien mal-għalliema tal-klassi, jiżviluppaw u jwettqu il- Programm Edukattiv Individwalizzat (*PEI*) billi jadattaw il-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

Jattendu laqgħat tal-*PEI* u tal-*Individual Transition Plan*;

Jirrevedu *PEI,* inkluż li jżommu rekord ta' u jirrapportaw dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

Jagħtu appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument tal-*PEI* għal kull student fil-klassi li għandu *statement*;

6. The appointment, which is subject to a probationary period of one (1) year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Directorate for Educational Services (DES) in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

7. The selected candidates shall be expected to successfully complete an induction training course. Furthermore, they shall be required to participate in professional development courses and in-service training programmes as appropriate to their role and functions, as indicated by the Education Authorities and shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in.

8. The selected candidates shall be required to work according to the needs of children with a statement in the schools within the College or in Centres or Resource Centres as directed by the Principal and/or Head of School. LSAs II may be temporarily required to provide service in more than one school/centre, and may be posted according to their area of specialisation as deemed necessary by the Education Authorities.

9. The duties and responsibilities of a Learning Support Assistant II shall include the following:

a) *Learning Support:*

Supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

Participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

Together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

Attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

Reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

Supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

Jgħinu fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħdu sehem attiv fl-oqsma kollha tal-proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni tal-għalliema fil-klassi;

Id f'id mal-għalliema tal-klassi, jieħdu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u tal-imġiba tal-istudenti inklużi;

Jipparteċipaw fi programmi rispettivi li jiffaċilitaw il-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor, minn skola għal oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol billi jagħtu l-informazzjoni u dokumenti rilevanti lill-kollegi konċernati u indikati ħalli ssir tranżizzjoni bla skossi għall-istudent;

Jippromwovu komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni ma' Koordinaturi tal-Edukazzjoni Inklussiva (*INCOs*), speċjalisti, *resource workers*, għalliema, ġenituri,studenti u *stakeholders* oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal *Child Development Assessment Unit (CDAU),* Ċentri ta' Riżorsi, *NGOs* u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

Jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' *hydrotherapy*, *multi-sensory*, *sensory integration* u oħrajn fl-iskejjel, Ċentri ta' Riżorsi jew ċentri oħra fejn dawn is-servizzi jingħataw, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali tal-istudenti;

Jippromwovu f'kull ħin l-għanijiet, l-*ethos* u l-*policies* tal-iskola, il-Kulleġġ jew iċ-Ċentru ta' Riżorsi fejn ikunu qed jaħdmu u jagħtu kontribut attiv bħala membri tal-istaff;

Jassistu fil-preparazzjoni, fit-tixrid u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u jiġi assigurat li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fiċ-Ċentri ta' Riżorsi;

Jagħtu appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

Jinkorraġġixxu parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skond il-pjan ta' żvilupp tal-iskola u kif miftiehem mat-Tim tat-Tmexxija tal-iskola;

Iwettqu xogħlijiet oħra li jistgħu jitqiesu xierqa mid-Direttur Ġenerali DSE;

Iwettqu dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

b) *Għajnuna Personali;*

Assisting in the preparation of educational materials and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

Participating in the respective individual transition programmes to assist students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

Promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Inclusive Education Coordinators (INCOs), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGO's and other educational and therapeutic environments;

Participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

Promoting at all times the aims, ethos and policies of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

Assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and Resource Centres;

Supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions;

Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team;

Performing other duties as may be deemed appropriate by the Director General, DES;

Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

b) *Personal Support:*

Jagħtu għajnuna lill-studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi:

(i) Il-qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-*toilet;* li jgħinu lill-istudent jinża u jilbes; li jnaddfu, jaħslu u jagħtu *shower* u li jbiddlu s-*sanitary towels* u l-*incontinence pads* (ħrieqi);

(ii) Jieħdu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-mobbiltà tal-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-*wheelchair* kif ikun meħtieġ, skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skont il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

Irfigħ sa 27 kilogramm isir minn *LSA II* wieħed/waħda; irfigħ bejn 28 u 54 kilogramm isir minn żewg persuni; 'il fuq minn 54 kilogramm għandu jsir premezz ta' *lift* mekkaniku;

Imbuttar ta' *wheelchair* sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; u sa 9 kilogrammi jsir skont il-ħtieġa;

(iii) Jiżguraw li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonjiet ta' terapija, kif ukoll billi jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-brejk ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skont il-ħtieġa;

ċ) *Dmirijiet waqt it-Trasport;*

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relatati mat-trasport, *LSAs II* jistgħu jintalbu biex jaqdu dmirijiet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali kif ikunu mfissra fl-*Istatement* uffiċjali, jew skont kif ikun indikat mill-Kap tal-Iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, *LSAs II* għandhom:

(i) Jgħinu lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u, f'każijiet ta' studenti li huma f'*wheelchair/buggy*, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess *wheelchair/buggy* u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent biex jassiguraw sigurtà waqt it-trasport;

(ii) jissorveljaw u jindukraw l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola kif meħtieġ waqt il-ħin tax-xogħol. Meta jissorveljaw u jindukraw lill-istudenti barra mill-ħin tal-iskola, *LSAs II* jitħallsu bir-rata stabbilita.

10. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

Supporting pupils with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

(i) Toileting – cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

(ii) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

Lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one LSA II; lifting between 28 and 54 kilograms (both inclusive) shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used;

Pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary.

(iii) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

c) *Transport-related Duties:*

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a LSA II may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the LSA II shall:

(i) assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

(ii) carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary; supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

10. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *Diploma* rikonoxxuta jew ogħla, f' *facilitating inclusive education,* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta'

a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession, or have been approved for the award, of a recognised Diploma or higher, in facilitating inclusive education, or a recognised appropriate comparable qualification;

d) be of good moral character (those who are already in the Public Service must produce a Service and leave record Form (GP 47); those applying must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have

din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

11.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

11.2 Is-sottomissjonijiet skont il-klawsola preċedenti għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

12. L-applikanti jridu jipprovdu *transcripts* tal-kwalifiki. Ċertifikati tad-*Diploma*/tal-kwalifika għandhom ikollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż, li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* u mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettabbli.

13. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

14. (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista;

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-

ever been in the Government Service, giving details;

11.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

11.2 Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Directorate and copied to the NCPD.

12. Applicants must provide transcripts of their qualifications. The diploma certificate/qualification must be accompanied by a transcript in English, showing the diploma obtained and the final classification. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

13. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

14. (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications,

applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għaddewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

15. L-applikanti magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

16. Bord tal-Għażla jassessja l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

17. Ir-riżultati jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-DSE.

18. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt).

19. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-pożizzjoni battala. Il-petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

20. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-*European Curriculum Vitae Format* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://www.meef.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitmalti.pdf
http://europass.cedefop.europa.eu

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi

indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

15. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

16. Eligible applicants will be assessed by a selection board to assess their suitability for the post.

17. he results will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate for Educational Services (DES).

18. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt).

19. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Director General, DES wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Director General, DES within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

20. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://www.meef.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitenglish.pdf
http://europass.cedefop.europa.eu

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Office, Directorate for Educational

Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

21. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47)* aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011.

22. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand it-Taqsima tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana VLT 2000 jew fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356-2598 2333).

23. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. It-Taqsima tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex, tibgħat irċevuta bil-posta fi-żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-29 ta' Novembru, 2011

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
XOGĦOL U L-FAMILJA

Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' *Casual Substitute Clerk* b'Kuntratt Definit

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ fil-pożizzjoni ta' *Casual Substitute Clerk* b'kuntratt definit għal perjodu massimu ta' sena. Kandidati magħżula jintbagħtu jaħdmu fejn meħtieġ fid-diversi Dipartimenti/Direttorati tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja.

Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

21. Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) in the case of public officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Unit, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd December 2011.

22. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon (Central European Time) of Friday, 23rd December 2011 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Unit, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-2598 2333).

23. (a) A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Unit, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven (7) days.

29th November, 2011

MINISTRY OF EDUCATION,
EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Engagement in the Position of Casual Substitute Clerk on a Definite Contract

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Permanent Secretary, Ministry of Education, Employment and the Family invites applications for the engagement in the position of Casual Substitute Clerk on definite contract for a maximum period of one year. The selected candidates will be posted as necessary in the various Departments/Directorates within the Ministry of Education, Employment and the Family.

2. Peress li dan l-ingaġġ huwa fuq bażi *back-to-back*, dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva għalfejn dan l-ingaġġ m'għandux isir wieħed indefinit wara l-limitu legali stipulat f'A.L. 51/2007 intitolat Regolamenti tal-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss, u sussegwentament f'A.L. 239/2008, skont Regolament 7(4)(a) ta' A.L. 51/2007 u Regolament 3(b)(4)(a) ta' A.L. 239/2008.

3. Is-Salarju ta' *Casual Substitute Clerk* fl-2011 ikun bir-rata ta' €10,816 fis-sena, jiġifieri l-minimu tal-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Clerk*.

4. Il-*Casual Substitute Clerks* jistgħu jaħdmu fuq bażi *full-time* jew *part-time* għal għoxrin (20), ħamsa u għoxrin (25) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu pro-rata Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi *full-time*, japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari tal-MPO 50/96 u l-Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

5. *Casual Substitute Clerk* ikun qed jissostitwixxi impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, il-*Casual Substitute Clerk* ikollu/ha l-kuntratt tiegħu/tagħha tterminat.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu

2. Since this engagement is on a back-to-back basis, such constitutes an objective reason why the incumbent shall not attain indefinite status after the legal limit stipulated in LN 51/2007 entitled Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007, and subsequent LN 239/2008, by virtue of Regulation 7(4)(a) of LN 51/2007 as superseded by Regulation 3(b)(4)(a) of LN 239/2008.

3. The salary of Casual Substitute Clerk in 2011 will be €10,816 per annum, that is, the minimum point of the Salary Scale of the grade of Clerk.

4. Casual Substitute Clerks may work on a full-time basis or on part-time basis for twenty (20), twenty five (25) or thirty (30) hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

5. A Casual Substitute Clerk will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work, the Casual Substitute Clerk will have his/her contract terminated.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be: -

(a) (i) citizens of Malta;

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification

ngħataw permess ta' residenza taħt ir-"Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji".

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* jintalabskontil-ħtieġafl-interpretazzjonitad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-MATSEC Matrikola/SEC (Gradi 1 sa 5) u/jew kwalifiki tal-G.C.E. (Minimu Grad 'C') li juru li għandhom tal-anqas ħames *passes* f'livell Ordinarju jew ogħla f'suġġetti differenti li jridu jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u żewġ suġġetti oħra;

(ii) ikollhom il-*European Computer Driving Licence* (E.C.D.L). li turi li għandhom *passes* tal-anqas f'dawn it-tliet *modules*:

i. *Using Computer and Managing Files;*
ii. *Word Processing;*
iii. *Spreadsheet*.

Il-kandidati jridu jippreżentaw l-oriġinal tal-*Logbook*, flimkien ma' kopja tiegħu. Dawk il-kandidati li ma jippreżentawx il-*'E.C.D.L. Logbook'* mal-applikazzjoni jkunu kkunsidrati li m'humiex eliġibbli.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Il-persuni li japplikaw għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġjonevoli skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-

Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions. The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) (i) in possession of MATSEC Matriculation/SEC (Grades 1-5), and/or G.C.E. Certificates (Minimum 'C' Grade) showing a minimum of five passes at Ordinary Level or higher in different subjects to include Maltese, English Language;

(ii) in possession of the European Computer Driving Licence (E.C.D.L) showing passes in at least the following three modules:

i. Using the Computer and Managing Files;
ii. Word Processing;
iii. Spreadsheet.

The original Logbook, together with a copy thereof, is to be presented by the candidates with the application form by the closing date of the receipt of applications. Candidates who fail to present the 'E.C.D.L. Logbook' when submitting the application form will be considered ineligible to apply.

(d) of good moral character. A Police certificate of conduct issued within six months prior to the closing date of applications should be provided.

